# Tislima lil Nicholas Cassar Vittma tan-nar



Wara 28 sena, id-delizzju tan-nar reġa' ħalla vittma oħra fi ħdan is-Soċjetà tagħna. Kien proprju nhar il-Ġimgħa 17 ta' Ottubru 1997 li Nicholas Cassar ta' 46 sena tilef ħajtu traġikament ġewwa l-kamra tan-nar tal-Ġilju. Kola tas-Siġġiewi kif kien magħruf lokalment kien delettant kbir tan-nar u l-ħeġġa li kellu sabiex ikabbar il-festa tal-Madonna tal-Ġilju kienet kbira.

L-isplużjoni fatali seħħet għal ħabta tal-5.20 p.m. u mill-ewwel l-Imqabbin intebħu x'seta' ġara. Aktar tard wasal fuq il-post l-Arċisqof ta' Malta Mons. Ġużeppi Mercieca akkumpanjat mill-Kappillan tal-parroċċa Dun Joe Bartolo. Sar aċċess mill-Maġistrat Abigail Lofaro u l-investigazzjonijiet tal-puluzija tkomplew l-għada s-Sibt.

Il-Kumitat Ċentrali iltaqa' b'urġenza sabiex jitratta ma' din iċ-ċirkustanza ġdida għal kollox għal kull membru li hemm fih. Saret żjara lill-familja speċjalment lill-mart il-vittma Polly u bintu Alessia. Kien forsi l-aktar mument diffiċli għall-membri tal-Kumitat li jfarrġu lil ħaddieħor fi stat li riedu min ifarraġ lilhom.



*It-tebut ta' Nicholas Cassar imdawwar lejn il-każin tas-Soċjetà Mużikali tal-Ġilju sabiex jingħata l-aħħar tislima. It-tebut huwa merfugħ mill-membri ta' l-Għaqda tan-Nar tal-Ġilju, li fuq wiċċhom tidher is-sogħba profonda li ġabet din it-traġedja fuq is-Soċjetà.*

Nhar il-Ħadd 19 ta' Ottubru 1997, is-Soċjetà Mużikali tal-Ġilju organizzat korteo funebri bis-sehem tal-Banda Lily minn Triq Santa Katarina sal-knisja. L-omelija saret mill-Arċipriet tas-Siġġiewi fejn indifen l-istess Kola. Membri ta' l-Għaqda tan-Nar immexxija mil-licensee Benny Dingli refgħu t-tebut mal-korteo kif ukoll qraw it-talb tal-fidili fil-knisja. It-tislima solita b'salut tal-bomba kienet l-aħħar ġest ta' rispett lejn dan ħuna li miet f'servizz lejn il-kommunità.

L-effett ta' din id-diżgrazzja kien wieħed devastanti fuq is-Soċjetà kollha kemm hi. L-attendenza fil-każin naqset drastikament u l-Kumitat għadda minn mumenti kritiċi. Din it-traġedja għandha sservi sabiex tagħti tagħlima. Hemm bżonn li kulħadd japprezza aktar is-sagrifiċċju ta' dawn in-nies li dak li qed jagħmlu qed jagħmluh sabiex jagħtu gost lil ħaddieħor. J'Alla li Kola ma mietx għal xejn u li mill-mewt tiegħu nieħdu proponiment li noqogħdu aktar attenti u nevitaw diżgrazzji simili li jifthu feriti li ftit jittaffew. Minn din il-paġna nsellmu lil ħuna Kola u nwegħduh li ma ninsewh qatt.